



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1848/2009, ippreżentata minn Rosa Álvarez Álvarez, ta' nazjonalità Spanjola, f'isem l-Assoċjazzjoni tar-Residenti ta' Xivares, 'el Tranqueru', dwar l-attività ta' qtugħ ta' ġebel mill-barriera ta' Sato-Aboño, Gijón.**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti jilmentaw li l-intrapriża li topera l-barriera ta' Sato-Aboño f'Gijón ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Impatt Ambjentali li jipprevedu r-riġenerazzjoni tal-artijiet affettwati mill-attività fil-barrieri permezz tat-tħawwil ta' speċi ta' pjanti, arbuxxelli u siġar. Dan it-tħawwil għandu jimmitiga l-effetti negattivi kkawżati mill-attività fil-barriera.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 23 Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjonanta, f'isem l-Assoċjazzjoni 'el Tranqueru' tar-Residenti ta' Xivares, tallega li l-isfruttament tal-barriera ta' Sato-Aboño, fil-muniċipalità ta' Carreño u l-fabbrika tas-siment Tudela de Veguín, S.A., fil-muniċipalità ta' Gijón – iż-żewġ attivitajiet indutsrijali t-tnejn li huma jinsabu fil-Komunità Awtonoma ta' Asturias fi Spanja – ikollhom implikazzjonijiet ambjentali negattivi.

Fir-rigward tal-barriera ta' Sato-Aboño, il-petizzjonanta tirrimarka li l-pjan ta' rkupru ambjentali msemmi fid-dikjarazzjoni ta' impatt ambjentali għadu ma twettaqx.

Fir-rigward tal-fabbrika tas-siment Tudela de Veguín, S.A., il-petizzjonanta tafferma li, sal-lum, il-fabbrika ma ħadet l-ebda miżuri biex tnaqqas it-tixrid tal-emissjonijiet madwar il-fabbrika jew l-impatt viżwali, skont l-awtorizzazzjoni ambjentali integrata mogħtija.

Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta fid-dawl tal-liġi tal-UE li taf tkun applikabbli għall-każ tagħha.

Id-Direttiva 85/337/KEE tal-Kunsill<sup>1</sup> kif emendata (magħrufa bħala d-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali jew bħala d-Direttiva dwar l-EIAs) tipprevedi t-tweqqig ta' EIA għal ċerti proġetti pubbliċi u privati. Id-Direttiva dwar l-EIAs tiddistingwi bejn l-hekk imsejħa proġetti tal-Anness I, li jridu dejjem jitwettqu suġġetti għall-proċedura tal-EIAs, u l-proġetti tal-Anness II, fejn l-Istati Membri jiddeterminaw billi jeżaminaw każ b'każ, u/jew il-livelli minimi jew il-kriterji stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-traspożizzjoni jekk proġett ikunx suġġett għal EIA.

Il-proċedura dwar l-EIAs tiżgura li l-konsegwenzi ambjentali ta' proġetti jiġu identifikati u evalwati qabel ma l-awtorità kompetenti tagħti awtorizzazzjoni għall-iżvilupp. Il-pubbliku jista' jagħti l-opinjoni tiegħu u jridu jitqiesu l-konsultazzjonijiet kollha. Il-pubbliku għandu wkoll ikun mgħarraf dwar il-kontenut tal-approvazzjoni għall-iżvilupp.

Fir-rigward tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (id-Direttiva dwar l-Għasafar 79/409/KEE<sup>2</sup> u d-Direttiva dwar il-Habitats 92/43/KEE<sup>3</sup>), wieħed għandu jinnotta li dawn ikunu applikabbli jekk il-proġett ikkonċernat jista' jkollu effett sinifikanti fuq xi sit tan-Natura 2000. F'dan il-każ, proċedura ta' EIA tista' tkun għodda importanti biex jiġu applikati r-rekwiżiti u s-salvagwardji tal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats.

Id-Direttiva 2008/1/KE tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontrolli integrati tat-tniġġis<sup>4</sup> (verżjoni kodifikata tad-Direttiva 96/61/KE, minn hawn 'il quddiem id-Direttiva tal-IPPC) għandha l-għan li tikseb prevenzjoni u kontrolli integrati ta' tniġġis li jirriżulta minn attivitajiet imniżżlin fl-Anness I tagħha. L-installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' clinker tas-siment fi fran li jdurur b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-500 tunnellata kuljum jew tal-gir fi fran li jdurur b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum jew fi fran oħra b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva IPPC (ara punt 3.1 tal-Anness I).

Id-Direttiva IPPC tirrkjedi li installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tagħha joperaw b'konformità mal-permessi, inklużi valuri ta' limitu ta' emissjonijiet ibbażati fuq l-aħjar tekniki disponibbli (BAT), maħsuba biex jipprevjenu u, meta dan ma jkunx possibbli, biex b'mod ġenerali jnaqqsu l-emissjonijiet u l-impatt fuq l-ambjent inġenerali. Il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ajru, l-ilma u l-ħamrija għalhekk għandhom jiġu trattati b'permessi ambjentali maħruġa bi qbil mad-Direttiva IPPC.

<sup>1</sup> Direttiva 85/337/KEE (ĠU L 175, 05.07.1985) kif emendata mid-Direttiva 97/11/KE (ĠU L 073, 14.03.1997), id-Direttiva 2003/35/KE (ĠU L 156, 25.06.2003) u d-Direttiva 2009/31/KE (ĠU L 140, 05.06.2009).

<sup>2</sup> ĠU L 103, 25.04.1979. Ikkodifikata permezz ta-Direttiva 2009/147/KE (ĠU L 20, 26.01.2010)

<sup>3</sup> ĠU L 206, 22.07.1992

<sup>4</sup> ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8

Il-Kummissjoni adottat għadd ta' dokumenti ta' referenza BAT (BREFs) li jkopru attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva IPPC, li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti meta dawn jistabbilixxu valuri ta' limitu ta' emissjonijiet ibbażati fuq il-BAT, parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi għal installazzjonijiet bħal dawn. BREF dwar is-siment, il-gir u l-industriji li jimmanifatturaw l-ossidu tal-manjesju ġie adottat f'Diċembru 2001 u r-reviżjoni tiegħu bħalissa jinsab fl-aħħar stadju<sup>1</sup>.

Skont l-informazzjoni disponibbli, il-proġett tal-barriera “Sato-Aboño” kien suġġett għal konsultazzjoni pubblika u ġiet finalizzata proċedura EIA mad-Dikjarazzjoni EIA, adottata fit-18 ta' Mejju 2006 b'Deċiżjoni tal-“Consejería de Medio Ambiente, Ordenación del Territorio e Infraestructuras”, ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Gvern ta' Asturias tas-17 ta' Ġunju 2006. Fir-rigward tal-fabbrika tas-siment “Tudela de Veguín, S.A.”, l-awtorizzazzjoni IPPC ġiet mogħtija permezz tad-Deċiżjoni tal-“Consejería de Medio Ambiente y Desarrollo Rural” tad-29 ta' April 2008, ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Gvern ta' Asturias tat-12 ta' Ġunju 2008.

Fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tidentifika siti tan-Natura 2000 li setgħu jintlaqtu minħabba l-qrubija tagħhom għal-lokalità fejn jitwettqu l-attivitajiet industrijali deskritti.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-responsabilità għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE b'mod korrett hija primarjament f'idejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni m'għandhiex setgħat skont it-Trattat li tissostitwixxi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kontroll u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħhom stess. Jekk il-petizzjonanta tixtieq tikkontesta dawn il-kwistjonijiet, hija għandha tikkunsidra li tagħmel użu mill-mezzi ta' rimedju pprovduti skont il-liġi Spanjola.

F'dan il-każ partikulari, il-Kummissjoni ma tista tidentifika l-ebda ksur tal-liġi ambjentali tal-UE.

---

<sup>1</sup> L-adozzjoni formali kienet konklużiva fit-18 Mejju 2010 u l-pubblikazzjoni tagħha fil-ĠU hija pendenti.